**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

**MAGISTRAT**
**DR. CAROLINE FARRUGIA FRENDO**
***B.A. (Legal and Humanistic Studies), LL.D.,***
***M.Juris (International Law), Dip. Trib. Eccl. Melit.***

**Rikors numru: 560/2017 CFF**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Christabelle Chetcuti)**
**vs**
**Anthony Tabone**

**Illum**

**Il-Qorti;**

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra:

Anthony Tabone u detentur ta' karta ta' l-identita' bin-numru 432769M.

Billi akkuzat talli nhar il-5 t'April, 2017 u/jew fil-jiem precedenti gewwa Triq Biccieni, Sqaq il-Logga, Zabbar u/jew f'dawn il-gzejjer:

1. Gieghel annimali u cioe' zewgt ifrieh ta' qattusa isofru ugiegh, tbatija jew dwejjaq minghajr bzonn u dan bi ksur ta' l-artikolu 8(2) tal-Kap 439 tal-Ligijiet ta' Malta.

2. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi zamm annimal u cioe' qattusa u l-frieh taghha u ma kienx responsabbli ghat-trattament xieraq taghhom u dan bi ksur ta' l-artikolu 8(3) tal-Kap 439 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat li l-Ufficjal Prosekutur qara u kkonferma bil-gurament l-akkuzi fil-konfront ta' l-imputat fis-seduta datata 31 ta' Dicembru, 2016.

Rat l-atti tal-kawza u d-dokumenti ezebiti u cioe', estratt mill-att tac-certifikat tat-twelid ta' l-imputat, fedina penali, current incident report, il-kunsens moghti mill-Avukat Generali biex din il-Qorti titratta l-kawza bi procedura sommarja, stqarrija, dikjarazzjoni ta' rifjut tat-tehid tad-dritt ta' Avukat, rapport mill-veterinarju, sitt ritratti, dokument tal-Melita u ganc.

Semghet l-ammissjoni ta' l-imputat ghall-imputazzjonijiet kollha kif dedotti kontra tieghu u dan kif registrata fis-seduta datata 8 ta' Frar, 2018.

Il-Qorti wissiet lill-istess imputat b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba tieghu u taghtu zmien xieraq biex jekk ried, seta' jerga' lura minnha u fil-fatt huwa rega' tenna l-istess ammissjoni tieghu.

Rat l-atti processwali.

Ikkunsidrat:-

Illi l-imputat irregistra ammissjoni fi stadju bikri tal-proceduri u cioe' fl-ewwel seduta u, l-Qorti kkunsidrat ukoll il-fatt li l-imputat ikkopera bis-shih mal-Pulizija fil-kors tal-investigazzjoni taghhom.

**Decide:-**

Ghaldaqstant, wara li rat l-Artikoli 8(2)(3) tal-Kapitolu 439 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti qeghda ssib lil Anthony Tabone hati tal-imputazzjonijiet migjuba kontrih fuq ammissjoni tieghu stess u tikkundannah multa ta' elf ewro (€1,000).

**Dr. Caroline Farrugia Frendo LL.D.**

**Magistrat**

**Nadia Ciappara**

**Deputat Registratur**